# L-Isqof Karmelitan Monsinjur Telesforo Cioli u ċ-Ċentinarju Pawlin tal-1960

*minn Martin Gravina*

Il-festi Ċentinarji tan-Nawfraġju ta' San Pawl kienu laħqu l-qofol tagħhom nhar l-24 ta' Lulju 1960 fuq il-Fossos tal-Furjana. Fl-aħħar ħmistax il-ġurnata kienu diversi ordnijiet reliġjużi li organiżżaw attivita'. Fost dawn kien hemm mill-Provinċja Karmelitana Maltija meta nhar it-13 ta' Lulju ċċelebrat pontifikal solenni minn Monsinjur T.G. Cioli O.Carm. Isqof Djoċesan Karmelitan t'Arezzo fl-Italja. Huwa kien wasal Malta nhar it-12 ta' Lulju biex jipparteċipa fil-festi Ċentinarji kif ukoll fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu li kienet iċċelebrata nhar is-Sibt 16 ta' Lulju. Matul iż-żmien li dam hawn, huwa qagħad fil-Kunvent tal-Karmnu l-Belt.

Għal dan il-pontifikal it-Terz Ordni wieġbu b'mod numeruż wara li kienu mħeġġa mill-patrijiet diretturi fil-konferenzi li kienu saru f'Ġunju u Lulju organiżżati mill-Kunsill ta' rġiel u nisa fid-diversi frieghi. Il-Kon Kattidral
ta' San Ġwann minn kmieni wara nofsinhar beda jimtela' bin-nies u sas-sebgħa l-ħin li kellu jibda l-pontifikal, kien litteralment ippakkjat. Wara li għadda l-korteo anke l-passaġġi tan-nofs kienu okkupati. Ma kienx hemm mara mingħajr l-labtu tat-Terz Ordni jew raġel mingħajr 'badge' filwaqt li mpressjonanti kienet l-ordni, l-ġabra u d-devozzjoni ta' folla hekk kbira ta' nies. Fil-ħin tas-sebgħa wasal il-korteo tal-komunita' Maltija li kien twassal mill-Bażilika tal-Karmnu sal-Kon Kattidral ta' San Ġwann, bil-Monsinjur T.Cioli liebes il-mantelletta bajda tal-Isqfijiet Karmelitani.

Wara li l-Isqof poġġa fuq it-tron, bejn il-Provinċjal W.Rev. K.Vella u Rev.P.Prijur tal-Belt Leone Buhagiar, Patri Kiljanu Azzopardi O.Carm, minn fuq il-pulptu għamel diskors qasir li kien ċar u preċiż, wera t-tifħir tal-miġja ta' San Pawl f'Malta għalina l-Maltin, ir-rabta intima li tgħaddi bejn il-Karmelitani u l-Appostlu u t-tagħlim ta' San Pawl fuq dik li hi ċ-ċentru tal-ħajja Karmelitana – il-Madonna.

Wara dan id-diskors Monsinjur T.Cioli ġie mlibbes l-abiti pontifikali, u kien assistit fil-



funzjoni solenni mill-Wisq Rev. Patri Ġorg Borg bħala Presbiter Assistens, Rev.Ilarju Spiteri u Alfonsu Zammit bħala Assistenti għat-Tron u l-Prijur Rev. P.Franku Falzon u Klement Caruana bħala Ministri fuq l-artal. Iċ-ċeremonjier Djoċesan Rev. D.G. Bonavia Terzjarju Karmelitan, mgħejjun minn P.Stefano Bezzina mexxa ċ-ċerimonja solenni.

Perfetta kienet l-esekuzzjoni tal-quddiesa polifonika ta' Monsinjur Lorenzo Preziosi (1872-1956) esegwita mill-Iskola Kantorum tal-istudenti Karmelitani akkumpanjata fuq l-orgni mir-Rev.D.Karm Xerri taħt it-tmexxija tar-Rev. P. Timoteo Azzopardi O.Carm. L-ordni kif ukoll l-eżatezza li nżammet waqt iċ-ċerimonja kienet waħda perfetta, filwaqt li kien hemm devozzjoni u sehem sħiħ mill-

poplu fil-quddiesa.



Wara li spiċċat il-quddiesa, l-E.T. Monsinjur T.Cioli kellem lil poplu fejn fisser l-impressjoni tiegħu qawwija għal dak li ra f'Malta. *"spiss kont smajt"* qal Mons.Cioli *"fuq il-fidi tal-Maltin, u dejjem nammetti r-realta' tal-fatti. Il-lejla stess waqt li ġejjin San Ġwann, laqatna l-fatt li n-nies kbar u żgħażagħ, fuq il-bankini tat-triq jinżlu għarkubbtejhom biex jilqgħu l-barka tal-Isqof. Ħaġa li f'Malta biss tiltaqa' magħha."*

Hu faħħar lill-Maltin fil-kobor tat-teżor tal-fidi li ġabilhom San Pawl, f'kemm ħadmu ta' qabilna biex iżommuh bla mittiefes u li huma obbligati li bil-prattika tal-ħajja Nisranija jgħadduh lil uliedhom. Semma wkoll il-Madonna, l-importanza tagħha fil-ħajja Nisranija, u għal dawk li huma devoti tal-Karmnu, u wera x-xewqa li bl-għajnuna ta' Marija u ta' San Pawl, il-Fidi Kattolika Maltija minkejja kull tfikxil, tibqa' ħajja u sħiħa sal-aħħar. Wiegħed ukoll li meta jerġa' lura f'pajjiżu żgur li jibqa' jiftakar f'dak li ra u ħass f'Malta kif ukoll saħaq li l-ħeġġa tal-Fidi Maltija jqiegħdha bħala xempju għad-Djoċesi tiegħu.



Il-funzjoni damet mhux anqas minn siegħa u nofs fejn imbagħad il-kongregazzjoni ħarġet bil-mod minn San Ġwann u qagħdet tistenna l-mgħodija tal-Isqof biex tagħtih merħba. Meta l-Isqof deher fil-bieb tal-Kon Kattidral, il-folla nfexxet f'applawsi kbar u mdawwar mill-patrijiet, fost il-ferħ tat-Terzjarji ġie mwassal f'dimostrazzjoni bil-mixi sal-Kunvent tal-Karmnu akkumpanjat minn kwantita' kbira ta' nies, bil-kant tal-innu tal-Papa u ta' Malta fost ċapċip li ma qata' xejn

Nhar il-15 ta' Lulju lejlet il-festa tal-Madonna tal-Karmnu, Monsijur Cioli kien ippreżenta trofew li kienet 'Bowl' tal-fidda lill-President tal-Każin tal-Banda La Valette Dr. George Borg Olivier, fil-preżenza tal-membri tal-Kumitat u Mro.Giuseppe Camilleri Surmast tal-Banda, matul programm li l-Banda La Valette tellgħet fil-Pjazza tal-Palazz.

Referenzi :
Times of Malta 13 ta' Lulju 1960 p.9
Times of Malta 20 ta' Lulju 1960 p.11
Berqa 20 ta' Lulju 1960 p.7

N.B. Din is-sena ser tiżżanżan pittura fuq bandalora tal-Isqof Telesforo Cioli. Din tintrama fi Pjazza Indipendenza.